MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 27/2010

**Louis Muscat I.D. 432658(M).**

**vs.**

**L-Avukat Generali, Ir-Registratur tal-Qorti, u Pauline Muscat, ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghar-rimedju kostituzzjonali ta' Louis Muscat datat 9 ta' April 2010 a fol 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell taI-1 ta' Dicembru 2009, fl-ismijiet **Louis Muscat vs Pauline Muscat** (Rik. Nru. l58/06 JA) u **Pauline Muscat pro et noe vs Louis Muscat** (Rik. Nru. 223/07 JA) dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi l-proprjeta' matrimonjali tal-kontendenti u

cioe` l9/20, Alexandra Street Cospicua, ghandha fizikament tinqasam bejniethom, b'dan illi 20, Alexandra Street, Cospicua jigi assenjat lill-konvenuta, filwaqt li 19, Alexandra Street, Cospicua, jigi assenjat lill-attur. Dan jista' jsir minhabba illi dawn iz-zewg proprjetajiet kienu mifrudin, u kienu l-kontendenti li nifduhom. L-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet illi l-garaxx 21, Alexandra Street, Cospicua, li huwa proprjeta' parafernali tal-konvenuta ghandu jigi assenjat lilha.

Illi pero' ghandu jinghad illi l-attur, qabel izzewweg kien xtara tliet proprjetajiet, u cioe`, 145, Sqaq 2, Oratory Street, Bormla, Terran 55, Parsons Street, Hamrun, u t-terran 28A, Tower Lane, Bormla. Dawn il-proprjetajiet imsemmija, l-attur kien bieghhom waqt iz-zwieg, u r-raguni ghal dan kienet sabiex hu u l-konvenuta jixtru u jakkwistaw d-dar matrimonjali, u cioe`, iz-zewg proprjetajiet fuq imsemmija, u li wara nifduhom sabiex tigi proprjeta' wahda.

Illi minkejja dan, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, bid-dovut rispett, naqset milli tikkumpensa lill-attur ghal din il-proprjeta' parafernali li huwa kellu. Din l-Onorabbli Qorti argumentat illi l-attur ma gabx bizzejjed provi li juru li l-attur biegh il-proprjeta' parafernali tieghu sabiex tinxtara d-dar matrimonjali. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti, fl-imsemmija sentenzi qalet is-segwenti: -

*"Fir-rigward imbaghad tal-qliegh mill-bejgh ta' proprjeta' li kien xtara qabel iz-zwieg (il-bejgh sar matul iz-zwieg), il-Qorti ma tarax kif tista' tiehu konjizzjoni taghhom ghaliex m'hemm ebda prova ta' x'sar minnhom dawn il-flus. L-attur ma gabx prova kif intefqu u fiex. Probabbilment nefaqhom ghax kellu bzonn jonfoqhom - jista' jkun nefaqhom fuq il-familja jew biex jixtri il-proprjetajiet li jifformaw il-komunjoni. Madanakollu in mankanza ta' prova ta' fejn jinsabu jew fiex intefqu, il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuta thallas il-valur tal-qliegh li sar".*

Illi bid-dovut rispett, ma jistax jinghad illi l-attur ma gabx bizzejjed provi, u jinghad hekk ghaliex l-attur pprezenta affidavit tieghu fejn spjega kollox, ipprezenta l-kuntratti tal-

bejgh tal-proprjeta' parafernali tieghu fuq imsemmija, u apparti dawn, il-konvenuta ma kkontestatx dan il-fatt. Naturalment, l-attur ma setax igib provi mill-Banek, u cioe` *Bank statements,* u dan ghaliex dan ilu tmintax-il sena u l-Banek ma jzommux rikordju ta' tranzazzjonijiet ghal daqshekk zmien. Ghalhekk, l-esponent ihoss illi l-Qorti kienet erronea meta qalet li ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-proprjeta' parafernali tieghu u l-qliegh li sar minnhom.

Illi dan imur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, propju l-**artikolu 37,** li jipprovdi ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens.

Illi l-esponent, f'dan il-kaz gie spussessat minn proprjeta' li hija tieghu u dan minghajr ma nghata kumpens ghaliha. L-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi s-segwenti: -

*(I) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew drill fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b 'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' tigi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist:-*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq.*

Illi apparti dan kollu, l-attur ihoss illi l-fatt li tilef il-kawza tieghu fl-ewwel istanza, u anke fl-istadju t'appell, ghar-raguni li ma gabx bizzejjed provi, jilledilu wkoll id-dritt tieghu ghal-smigh xieraq, skont l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

Illi l-attur gab dawk il-provi kollha possibbli, u kienet xi haga impossibbli li huwa jgib aktar provi milli gab. Naturalment, l-attur ghandu jgib l-ahjar prova u kull prova possibbli sabiex jipprova dak li huwa qieghed isostni. Dan, pero', ma jfissirx li dak li huwa impossibbli huwa mistenni minnu wkoll.

Illi dak li qieghed isostni l-esponent gie ippruvat sal-grad mistenni mil-ligi, u dan qalitu l-Qorti stess, meta qalet illi *probabbilment,* il-flus li huwa gab mill-bejgh tal-proprjeta`

parafernali tieghu, intefqu sabiex tinxtara l-proprjetajiet li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u cioe` biex tinxtara d-dar matrimonjali. Naturalment, wiehed ma jistennix il-grad tac-certezza morali, imma dak tal-probabbilta`, u cioe' dak il-grad li gie ppruvat.

Ghaldaqstant, r-rikorrent talab illi din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi, minhabba li fil-proceduri ta' separazzjoni personali kif hawn fuq spjegat l-esponent ma inghata l-ebda kumpens ghall-pretenzjoni parafernali tieghu, dan jilludi d-drittijiet fundamentali tal-esponent fosthom l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikoli 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem**, kif ukoll l-**artikolu 37(1) (b) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 1 tal-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,**

2. Taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq immsemmija, fosthom li tvarja s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2009, fl-ismijiet **Louis Muscat vs Pauline Muscat** (Rik. Nru. l58/06 JA) u **Pauline Muscat pro et noe vs Louis Muscat** (Rik. Nru. 223/07 JA) u tordna lill-konvenuta sabiex tikkumpensa lir-rikorrent tal-pretenzjoni tieghu ghall-proprjeta’ parafernali tieghu kif imressqa fil-kawza ta' separazzjoni fuq citata.

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li dan ir-rikors kostituzzjonali gie appuntat ghas-smigh ghall-20 ta’ April 2010.

Rat ir-risposta ta’ Pauline Muscat I.D. 568559 (M) datata 19 ta’ April 2010 a fol 35 tal-process fejn eccepiet:-

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet;

Illi a rigward l-ewwel premessa huwa minnu illi l-esponenti giet assenjata l-fond 20, Triq Alexandra, Bormla, filwaqt li

r-rikorrent gie assenjat il-fond 19, Triq Alexandra, Bormla. Dan il-Qorti ghamlitu peress illi z-zewg fondi huma komodament divizibbli. A rigward il-garaxx 21, Triq Alexadra, Bormla, dan proprjament ma giex assenjat lill-epsonenti peress illi minn dejjem kien il-proprjeta' parafernali taghha.

Illi a rigward it-tieni premessa tar-rikors promotur, din il-kwistjoni dwar x'sar verament mill-flus tal-proprjeta' parafernali tar-rikorrent gia' giet deciza mill-Qorti tal-Appell.

Illi ta' min isemmi li r-rikorrent biegh il-proprjeta' parafernali tieghu ghas-somma ta' tletin elf, hames mija u hamsa u erbghin ewro (€30,545). Id-dar matrimonjali nxtrat ghas-somma ta' hdax-il elf u seba' mija u tmienja u erbghin ewro (€11,748). Li qalet il-Qorti tal-Appell huwa li r-rikorrenti ma gabx prova x'ghamel b'din id-differenza fil-flus. Din torbot mat-tielet premessa tar-rikors promotur u dan fis-sens illi l-Qorti tal-Appell immotivat id-decizjoni taghha. Il-kwotazzjoni mis-sentenza li tinsab fit-tielet premessa hija proprju l-motivazzjoni centrali li maghha ddur il-kwistjoni kollha. Dak illi r-rikorrenti qieghed jippretendi fir-raba' premessa tar-rikors promotur huwa li jistieden lil din il-Qorti tirrevedi l-motivazzjoni tal-Qorti tal-Appell, haga li din il-Qorti ma tistax taghmel. Fi kliem iehor bhal donnu qieghed jistieden lil din il-Qorti tinoltra u tiirrevedi mill-gdid l-evidenza mill-gdid.

Illi l-esponenti ma tistax tifhem ir-ragunament li jemergi mis-seba' premessa li ghaliex ir-rikorrent tilef il-kawza tieghu fl-ewwel istanza u anke fl-istadju tal-appell peress li ma pproduciex provi sodisfacenti, b'xi mod jilledilu d-dritt ghal smigh xieraq. Bid-dovut rispett dak li qieghed jghid ir-rikorrenti huwa li kull min jitlef il-kawza tieghu fil-Prim' Istanza u fl-istadju tal-Appell allura necessarjament ikollu d-drittijiet tieghu lezi u ghandu jsib rimedju awtomatiku fil-Qorti Kostituzzjonali. Argument dan li bir-rispett kollu ma jreggix.

Illi dak li jemergi mit-tmien premessa, l-apprezzament tal-provi huwa mholli f’idejn il-Qorti. Jekk ir-rikorrent kien ta

fehma ohra, allura ma ghandhiex tkun dil-Qorti li necessarjament taghtih ragun. Din mhix Qorti ta’ revizjoni mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell.

Illi d-disa' premessa mhix korretta. Il-Qorti tal-Appell ma qalitx illi probabbilment il-flus li r-rikorrenti gab mill-bejgh tal-proprjeta' parafernali tieghu intefqu sabiex tinxtara l-proprjetajiet li jiffurmaw parti mill-komunjoiu tal-akkwisti u cioe' biex tinxtara d-dar matrimonjali. Ghall-kuntrarju l-Qorti tal-Appell qalet li probabbilment nefaqhom ghax kellu bzonn jofoqhom - jista' ikun nefaqhom fuq il-familja jew biex jixtri l-proprjetajiet li jifformaw il-komunjoni....dan ifisser illi l-grad li r-rikorrent lahaq u cioe' li l-flus nefaqhom fuq il-familja huwa l-grad tal-possibbli u mhux tal-probabbli. Ghalhekk il-Qorti qalet jista' ikun. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument il-Qorti hasset li lahaq il-grad tal-probabbli, xorta wahda ghazlet li tiskarta x-xiehda tieghu.

Illi ghalhekk l-argument tar-rikorrent li gie mcahhad mid-dritt sancit fil-Kostituzzjoni fl-**artikolu 37 (1) (b),** dan huwa infondat peress li l-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi biss ghal cirkostanzi fejn persuna tkun vittma ta' tehid ta' proprjeta` "b'mod obbligatorju". Ma jirrizultax li kien il-kaz hawnhekk.

Illi a rigward l-argument tar-rikorrent li gie mcahhad mid-dritt sancit fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-**artikolu wiehed (1) tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni**, dan huwa wkoll infondat ghaliex ghalkemm din tipprovdi li *"no one shall be deprived of his possessions"* issa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija *res judicata* u l-istess Qorti xoljiet u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti fuq il-provi li kellha quddiemha.

Illi a rigward l-argument tar-rikorrent li dan gie mcahhad mid-dritt sancit fil-Kostituzzjoni fl-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni**, dan huwa wkoll infondat. Il-Qorti mxiet mal-principji fundamentali ta' *nemo judex in causa propria* u *audi alteram partem.* Ir-rikorrenti kellu smigh xieraq. Ressaq il-provi tieghu minghajr xkiel ta' xejn, u pprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Ma nghatax drittijiet inqas milli inghata l-esponenti fil-kors kollu tal-proceduri. Ta' min

jiehu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, **'Micallef vs Malta'**, 15 ta' Ottubru 2009, fejn skont principji generali hija sostniet *"for Article 6 § l in its "civil" limb to be applicable, there must be a dispute over a "civil right" which can be said, at least on arguable grounds, to be recognized under domestic law, irrespective of whether it is also protected under the Convention. The dispute must be genuine and serious; it may relate not only to the actual existence of a right but also to its scope and the manner of its exercise; and, finally, the result of the proceedings must be directly decisive for the right in question, mere tenuous connections or remote consequences not being sufficient to bring Article 6 § l into play".*

Illi bir-rispett kollu, ir-rikorrent qieghed jitratta l-Qorti Kostituzzjonali bhala qisu kienet Qorti tat-tieni Appell, li zgur mhix il-funzjoni taghha, biex dak li ma rnexxilux jikseb f'zewg sentenzi separati li fihom kien involut u li issa huma *res judicata* jittanta li jiksbu permezz ta' dawn il-proceduri.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghall-gudizzju serju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 19 ta' April 2010 a fol 38 tal-process fejn ecceppixxa:-

Illi l-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens illi peress li fil-proceduri ta' separazzjoni personali *"l-esponent ma inghata l-ebda kumpens ghall-pretenzjoni parafernali tieghu, dan jilludi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti fosthom l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikoli 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**, kif ukoll l-**artikolu 37 (1) (b) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 1 tal-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Erwropea tad-Drittijiet tal-Bniedem'**.*

Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi *in linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju *ai termini* tal-**artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni** *stante* li mhux ghajr appell mid-decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **"Louis Muscat vs Pauline Muscat"** (Appell Civili Nru. l58/06) u **"Pauline Muscat f'isimha proprio u f'isem uliedha l-minuri A.B. u C.D. vs Louis Muscat"** (Appell Civili numru 223/2007). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.

Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna *ai termini* tal-**artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. l2 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali *stante* illi huwa qed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju ta' ritrattazzjoni sabiex ihares d-drittijiet pretizi minnu. Illi ghaldaqstant huwa opportun illi din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-**Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni** u dan *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u *l-proviso* ghall-**artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 3l9 tal-Ligijiet ta' Malta**, *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

Illi l-esponenti jirrileva illi *stante* li l-mertu ta' dan ir-rikors diga' gie ampjament trattat quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u l-Onorabbli Qorti tal-Appell jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni tal-atti processwali tal-kawzi fl-ismijiet **"Louis Muscat vs Pauline Muscat"** (Appell Civili Nru. 158/06) u **"Pauline Muscat f'isimha praprio u f'isem uliedha l-minuri A.B. u C.D. vs Louis Muscat"** (Appell Civili Nru. 223/07) decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2009.

Ebda ksur tal-**artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjorti ta' Malta** u tal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi effettivament l-**artikolu 39 (1)** u **(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-**artikolu 6 (1) tal-Kap. 319** imur *oltre* meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wiehed ma elenka jew ilmenta minnu.

L-esponenti jissottometti illi l-lanjanza tar-rikorrenti illi huwa prova sal-grad rikjest mill-ligi f'kazijiet civili u madanakollu kemm l-ewwel Qorti kif ukoll l-Qorti tal-Appell ma laqghetx it-talbiet tieghu hija ghal kollox infondata u dan peress illi minn qari tas-sentenzi moghtija kemm mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif ukoll mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-Qrati qiesu illi r-rikorrenti ma produca l-ebda prova jew ragunijiet u spjegazzjoniet dwar x'sar mill-flus li huwa ottjena mill-bejgh tal-proprejta' li kien xtara qabel iz-zwieg u wisq inqas gab prova illi l-komunjoni tal-akkwisti kienet hadet xi beneficcju minn dan ir-rikavat. Dan kollu sar fil-parametri li wiehed jistenna f'kawzi ta' natura civili.

Illi kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawza civili semghu l-ilmenti kollha tar-rikorrent u ddecidew skont il-ligi. Il-fatt illi t-talbiet tar-rikorrent ma gewx milqugha ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali.

Illi *in vista* tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.

**Ebda ksur tal-artikolu 37 (1) (b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Illi mill-fatti hekk kif esposti mir-rikorrenti jirrizulta illi ma hemm l-ebda rilevanza ghar-referenza ghall-**artikolu 37**

**tal-Kostituzzjoni** u ghall-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** u dan peress illi ma kien hemm l-ebda 'tehid forzuz' ta' proprjeta' tar-rikorrenti u wisq inqas l-istess rikorrenti ma gie spussessat mill-ebda proprjeta' jew possediment tieghu.

Illi l-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll** jippresumi illi r-rikorrenti ikollu l-proprjeta' ghandu. Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti irid kumpens ta' proprjeta' parafernali li kienet giet mibjugha minnu stess matul iz-zwieg. Dan indubbjament ifisser illi effettivament il-proprjeta` immobbli parafernali ma ghadiex fil-pussess tar-rikorrenti peress illi l-istess rikorrenti kien iddispona minnha. Ghalhekk huwa manifest illi oggett ma jistax jittiehed minn min m'ghandux il-pussess tieghu.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjoni illi d-dar matrimonjali ma kinetx giet akkwistata mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' parafernali tar-rikorrenti u dan peress illi d-dar matrimonjali kienet giet akkwistata qabel ma nbieghet il-proprjeta' parafernali u lanqas ma rrizulta mill-provi li kien hemm xi djun li thallsu mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' parafernali.

Illi ghall-finijiet tal-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**, ikun hemm 'tehid ta' possedimenti' biss *'when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect'* (**Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights** (1995), pagna 527).

Illi *in vista* tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Illi ma’ jirrizulta li gietipprezentata l-ebda risposta da paret tar-Registratur tal-Qorti minkejja li kien debitament

notifikat bir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti odjern fl-14 ta’ April 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet hlief ghad-difensur tar-Regfistratur tal-Qorti. Dr. David Camilleri talab li jigu allegati z-zewg processi mertu tal-kawza odjerna deciza fl-1 ta’ Dicembru 2009 mill-Qorti tal-Appell. Id-difensuri prezenti irrimettew ruhhom. Il-Qorti laghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni rikjesta. Id-difensuri talbu jaghmu n-noti. Il-Qorti laghhet it-talba u pprefeggiet sittin (60) gurnata zmien lill-partijiet bin-notifiki relattivi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett t’ostacolo* ghat-28 ta’ Ottubru 2010.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 15 ta’ Settembru 2010

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Avukat Generali datata 28 ta’ Settembru 2010 u ta’ Pauline Muscat datata 6 ta’ Ottubru 2010.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi r-rikors odjern qed jigi allegat li fil-kawza citati fl-ismijiet **“Louis Muscat vs Pauline Muscat”** (Rik. Nru. l58/06 JA) u **“Pauline Muscat pro et noe vs Louis Muscat”** (Rik. Nru. 223/07 JA) allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq kif garantit fl-**artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** ghaliex fl-istess sentenzi inghad li l-istess rikorrenti ma gabx provi bizzejjed sabiex jipprova li r-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta’ parafernali tieghu konsistenti fil-fondi 145, Sqaq 2, Oratory Street, Bormla,

Terran 55, Parsons Street, Hamrun, u t-terran 28A, Tower Lane, Bormla gie utillizat sabiex tigi akkwistata l-proprjeta' matrimonjali, u dan meta l-istess rikorrenti isostni li huwa provi gab dak li kien possibbli ghalih li jgib, u allura ssodisfa l-grad ta' prova rikjesta mill-ligi ghaliex ma ghandux ikun tenut jipprova l-impossibbli, u kull ma seta` jaghmel kien li jgib l-ahjar prova, haga li qed jghid li ghamel, u ghalhekk la darba l-provi mressqa minnu jissodisfaw dan il-grad ta' prova huwa kellu jinghata kumpens ghall-proprjetajiet tieghu u mhux minflok jitlef il-kawza tieghu fl-ewwel istanza, u anke fl-istadju t'appell, ghar-raguni li ma gabx bizzejjed provi. La darba r-rikorrenti qed jghid li huwa ssodisfa l-grad ta' prova mressqa minnu mela allura, jigi skont huwa, li gie lez id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq ghaliex il-grad ta' prova mistenni minnu gie skartat u mhux applikat fil-kazijiet imsemmija u b'hekk kien hemm ksur ta' smigh xieraq skont kif rikjest fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** ghaliex fuq dak ritenut mill-istess Qrati huwa spicca sabiex ma inghatax kumpens ghall-pretenzjoni parafernali. Dan huwa fl-ahjar ipotesi dak li qed jippretendi r-rikorrenti fir-rikors tieghu.

Illi dwar il-kuncett tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"St. Paul's Court Limited vs L-Onor. Prim Ministru et noe"** (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deciza fis-16 ta' Settembru 1998) fejn inghad li *"kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (pg. 202).* (Vide ukoll **"Khallouf Fatiha vs Kummissarju Tal-Pulizija"** - Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-28 ta' Dicembru 2001).

Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi, minkejja dan, jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistghux jigu definiti *a priori* u specifikatament, *stante* li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li inghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D).

Illi inoltre' fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."* Wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom (ara, fost decizzjonijiet ohra, **"Dr. Lawrence Pullicino v. Onor.**

**Prim Ministru et.”** (Qorti Kostituzzjonali - 18 ta’ Awissu, 1998.)

Illi in effetti l-imsemmi awtur jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f’*:-

*“The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of ‘fairness’ and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:”*

*“The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent.”* **(“Dombo Beheer BV vs The Netherlands”,** 27 ta’ Ottubru 1993)

Illi rekwizit iehor ferm stabbilit u li huwa implikat fid-dritt ta’ smigh xieraq huwa d-dritt ta’ *“an oral hearing”.* Fl-imsemmija tezi ntqal:-

*“Therefore, the question arises as to whether the requirement of fair hearing implies the presence of the parties in person. The Commission has expressed the view that in certain classes of cases or in certain sets of circumstances a fair hearing is scarcely conceivable without the presence of the party concerned; this may be so in some civil or commercial cases and is true a fortiori*

*of criminal matters, and the Court has supported this view. As far as criminal cases are concerned, 'it flows from the notion of a fair trial that a person charged with a criminal offence should, as a general principle, be entitled to be present at the trial hearing". Clearly, the accused has an interest in witnessing and monitoring proceedings that are of great importance to him. Moreover, his right to be present at the trial hearing is implicit in the right to 'participate effectively' in the conduct of his case (***Stanford vs UK, 23/2/1994)***; an accused need to be there to give evidence and to advice his lawyer on the presentation of his case or to present his case in person* **(Colozza case)***. There is a close interrelationship between the right to an oral hearing in one's presence and the right to adversarial proceedings. A trial in which the evidence accumulated during the investigation of the case is admitted to the record without being adduced in court in the presence of the accused is not consistent with either* **(Barbera, Messeque and Jabardo vs Spain, 6/12/1988)***. It follows from the right of an accused to be present at his trial that where the state has custody of the accused, it must ensure that he is able to attend, provided that the accused gives the prison authorities any necessary information* **(Goddi vs Italy, 1984)***."*

Illi fl-ahharnett, jinghad wkoll illi element bazilari wkoll tal-istess artikolu li jrid ikun hemm decizjoni motivata, ghaliex ghalkemm dan ir-rekwizit ma huwiex esplicitament imsemmi fl-istess **artikolu 6**, dan huwa implicitament konness mal-principju ta' smigh xieraq, li gie anke rikonoxxut fil-Qrati, bhal fil-kaz **"Van de Hurk vs The Netherlands"**, (19 ta' April 1994).

Illi tant huwa minnu dan li inghad li *"This power of requiring a reasoned decision is illustrated in the* **De Moor Case (23/6/1994)**. *The reasoned decision in this case revealed that it had been taken on a basis not open to the judge. The hearing could not be fair if the decision was based on a reason which was not legally valid. However, it is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If a court gives reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are*

*satisfied. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it requires a "specific and express outcome" by the court in its judgment."*

Illi l-awturi ***Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-

*"The Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ."* (pp. 428-429).

Illi fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq". L-istess konsiderazzjonijiet maghmula japplikaw ghad-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.**

Illi issa, fid-dawl ta' dak kollu premess mir-rikorrenti jinghad li l-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad oghla mill-Qorti ta' l-Appell jew funzjoni ta' Qorti tal-Appell ulterjuri. Ma hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti u ezaminati minn dik il-Qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li

tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta' l-Appell kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea.

Illi, kif jghid ir-rikorrent stess huwa thalla jressaq il-provi li ried izda, a bazi ta' dawk il-provi sia l-Ewwel Qorti u sia l-Qorti ta' l-Appell ma deherilhomx  li huwa pprova sal-grad rikjest mill-ligi it-talbiet tieghu u f'dan is-sens li huwa ma weriex li r-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta' parafernali gie mdahhal fil-komunjoni. Fil-fatt l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li *"la kienu flus tieghu, il-presunzjoni hi li zammhom hu, izda l-attur ma ressaq ebda prova biex juri kif huwa nefaq dawn il-flus jew x'beni gew akkwistati a beneficcju tal-komunjoni...."*

Illi anzi l-Onorabbli Qorti tal-Appell marret anke oltre minn dan meta sostniet li *"l-attur appellat jittanta jargumenta li huwa kien uza r-rikavat mill-bejgh tal-proprjetajiet parafernali tieghu biex ihallas l-akkwist tad-dar matrimonjali, u cjoe' l-fond 19/20, Alexander Street, Bormla. L-atttur, pero', ma ressaq ebda prova ta' dan, u din il-Qorti taqbel mal-konvenuta appellata li l-provi prodotti ma jaghtux affidament lil din l-istqarrija tar-ragel".*

Illi aktar il-quddiem qalet ukoll li *"li ma tressqu ebda xhieda jew provi ohra li juru li l-komunjoni tal-akkwisti hadet xi beneficcju minn dawn il-flus, u allura l-pretensjonijiet tal-attur appellant ma tistax tigi akkolta".*

Illi  fid-dawl ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li sia l-Ewwel Qorti u sia l-Qorti ta' l-Appell indagaw sew il-provi mressqa mir-rikorrent odjern u fil-fatt ittrattaw il-mertu tal-kwistjoni tal-lanjanzi tal-attur izda l-Qrati qiesu illi r-rikorrenti ma pproduca l-ebda prova jew ragunijiet u spjegazzjoniet dwar x'sar minnhom l-flus li huwa ottjena mill-bejgh tal-proprjeta' li kien xtara qabel iz-zwieg u lanqas gab prova illi l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet hadet xi beneficcju minn dan ir-rikavat.

Illi din il-Qorti ma tistax issib aspett partikolari wiehed jew xi forma ta' mankanza fil-procedura adotta mill-Qrati ndikati li huma determinanti biex jinghad li din il-kawza hija nieqsa mid-dritt ghall-smigh xieraq u li b'xi mod id-dritt tar-rikorrenti ghall-smigh xieraq fl-istess proceduri gie b'xi mod lez. Anzi jinbghad li tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, l-kaz odjern jixbah hafna appell mill-imsemmija decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell. Anzi, in effett dawn il-proceduri, istitwiti mir-rikorrent jistghu jitqiesu bhala appell minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell anke in vista tat-talbiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti talab fil-fatt li jigu varjati s-sentenzi imsemmija u li jinghata kumpens ghall-proprjeta' parafernali tieghu. Fi kliem iehor dak li ma irnexxielux jottjeni fil-proceduri ta' separazzjoni qieghed jipprova jottjenih fil-kuntest ta' process u kawza kostituzzjonali, haga li certament ma hijiex permessa f'dawn il-proceduri ta' indoli kostituzzjonali.

Illi fi kwalunkwe kaz zgur li ma jirrizultax li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza u l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kazijiet in kwestjoni. Anzi jinghad li bl-ebda mod ma jirrizulta li fil-kors tal-proceduri gew lezi xi drittijiet fubdamentali tar-rikorrenti. Jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti thalla jressaq il-provi kollha tieghu, li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, u li inghata sentenzi motivati, li ndikaw lilhu li ghall dak li hija l-lamentela tieghu f'din il-kawza, huwa ma ssodisfax l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilhu li jipprova li l-flus provenjenti mill-bejgh tal-proprjeta' parafernali tieghu gew utilizzati sabiex tigi akkwistata l-proprjeta' matrimonjali, u fil-fatt dan inghad espressament fiz-zewgt sentenzi, li allura mmotivat dak li gie deciz fiz-zewgt istanzi tal-kawzi li r-rikorrenti llum qed jattaka.

Illi ovvjament ma huwiex kompetenza ta' din il-Qorti li tezamina l-provi mill-gdid, proprju ghaliex din il-Qorti ma hijiex qorti tal-appell; jinghad ukoll li anke jekk kien hemm evalwazzjoni hazin tal-provi (li lanqas jirrizulta), din, fl-opinjoni tal-Qorti, ma tammontax ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali ta' min allegatament issubixxa l-konkluzzjonijiet raggunti fil-proceduri ndikati mir-rikorrenti.

Kull ma sar f'dan il-kaz kien li l-Qrati rispettivi ghamlu evalwazjoni tal-provi li ingabhu quddiemu, trattaw is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u ddecidew fuq l-istess b'sentenzi li huma motivati, u li fihom instab li l-r-rikorrent, anke fil-lamentela mertu ta' din il-procedura, naqqas li jipprova dak minnu allegat fl-istess proceduri, u issa f;din il-kawza. B'hekk il-qrati kompetenti evalwaw l-istess provi, trattaw s-sottomissjonijiet kollha mressqa mill-istess partijiet u ovvjament tar-rikorrenti u hadu decizjoni dwar l-istess li huma ben motivati kif rikjest mill-ligi u mid-dettami tad-dritt ta' smigh xieraq. B'hekk l-ewwel talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

Illi r-rikorrent jallega ukoll li mill-allegati fatti hekk kif esposti minnu gew lezi d-drittijiet tieghu a bazi tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ghall-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** u dan ghaliex l-Ewwel Qorti u Onorabbli Qorti ta' l-Appell, naqsu milli jikkumpensaw lir-rikorrent ghall-proprjeta' parafernali li huwa kellu u li kien biegh u, skont huwa, bir-rikavat, xtara d-dar matrimonjali.

Illi jinghad li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawzi imsemmija, sostniet li r-rikorrenti ma gabx prova x'ghamel bid-differenza fil-flus li huwa rkava meta biegh il-proprjeta' parafernali u xtara d-dar matrimonjali, u b'hekk l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li d-dar matrimonjali ghandha tinqasam (ghaliex seta' facilment isir hekk) minghajr ma tat xi kumpens lir-rikorrenti.

Illi l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll** jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" (*"possessions"* fit-test ingliz, *"biens"* fit-test franciz) ta' dak li jkun, izda l-**artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni** li jitkellem dwar l-ittehid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjetà ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjetà (dejjem ta' kull xorta li tkun). Filwaqt li l-**artikolu 37** jaghmel enfasi fuq it-tehid ta' proprjetà li ikun fil-pussess attwali tal-persuna li allegatament giet ddeprivata, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tghid *'the notion of 'possessions' has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests*

*constituting assets can also be regarded as property rights and thus as 'possessions'."* (**van Dijk P. and van Hoof G.J.H., Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Kluwer Law International (The Hague),** 1998, p. 619). (*vide* **"Gasus Dosier und Fordertecknik GmbH v. Netherlands"**).

Illi Inoltre, fil-kawza **"Djidrovski v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia",** inghad li "a possession" within the meaning of the above provision may be either an *"existing possession" or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (see the Pine Valley Developments v. Ireland judgment of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, § 51). The "legitimate expectation" may also encompass the conditions attaching to the acquisition or enjoyment of property rights."* Il-kuncett ta' beni jista' jigi estiz ghal dawk l-affarijiet kollha li ghandhom valur ekonomiku. Il-Qorti Ewropea ghalhekk waslet ghal konkluzjoni li, per ezempju, il-*'goodwill'* ta' intrapriza, licenzja kummercjali biex tbigh xorb alkoholiku, fost ohrajn, huma kollha beni ai fini ta' dan l-artikolu in kwistjoni. Il-Qorti tghid ukoll li *'legal claims'* jistghu jigu interpretati bhala beni ai fini ta' dan l-artikolu.

Illi, pero, fil-kawza **"Kopecky v Slovakia"** l-Qorti qalet dwar l-*legitimate expectations* (li kienet giet ittrattata fil-kaz **"Pressos Compania Naviera SA v Belgium")** li *"no such expectations could come into play in the absence of an asset falling within the ambit of Article 1 Protocol 1, in this instance the claim in tort. The legitimate expectation identified in Pressos Compania Naviera SA, was not in itself constitutive of a proprietary interest; it related to the way in which the claim qualifying as an 'asset' would be treated under domestic law and in particular to reliance on the fact that the established case-law of the national courts would continue to be applied in respect of damage which had already occurred."* Dwar dan ir-ragunament, l-awturi ***Harris, O'Boyle & Warbrick, (Law of the European Convention on Human Rights,*** pagna 567), jghidu *"on this reasoning there must first be an asset that*

*can qualify as a 'possession' under Article 1 Protocol 1. The 'legitimate expectation relates to the merits of the 'asset', which in Pressos referred to the claim's prospect of success under domestic law. Thus, where an applicant's submission on the correct interpretation and application of domestic law has been rejected by the national court no 'legitimate expectation' arises".*

Illi fil-kawza in disamina, ir-rikorrent qieghed jikkontendi, li huwa fl-ahjar ipotesi desumibbli mill-mod kif gie redatt ir-rikors kostituzzjoni odjern li, li huwa kellu "legitimate expectation" ta' kumpens li r-rikorrenti jippretendi li huwa missu ha meta saret is-separazzjoni tal-assi mill-Qrati, u dan fuq l-allegazzjoni vantata mir-rikorrenti li huwa kien xtara l-fond matrimonjali bil-flus li gab mill-bejgh ta' oggetti parafernali. Izda, din il-Qorti hija tal-fehma, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza citata, li din ma hijiex lanqas *"a legitimate expectation"*.

Illi kwalunkwe pretensjoni li r-rikorrenti kellu dwar il-kumpens gie ttrattat sia mill-Ewwel Qorti u sia mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dan fil-kawzi imsemmija. Dawn fil-fatt qalu li ma kienx hemm provi bizzejjed li jaghtu lok ghall-kumpens. Il-*"legitimate expectation"* li jista' jkun li qed jinvoka r-rikorrent mhix marbuta ma' xi haga konkreta jew esegwibbli fil-qrati anzi f'dan il-kaz tali pretensjoni, kif fil-fatt formolata hija assulutament bla ebda bazi, proprju ghaliex ma' gietx sostanzjata mill-istess rikorrenti, lanqas fil-proceduri msemmija.

Illi ghalhekk minkejja il-kuncett wiesgha ta' possedimenti din il-Qorti ssibha ferm difficli tara kif l-allegat nuqqas ta' kumpens li r-rikorrent qieghed jinvoka, taqa' fl-ambitu ta' beni jew possedimenti *ai termini* tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.** Jinghad ukoll li hija l-fehma ta' din il-Qorti li anke f'din it-talba ir-rikorrent qieghed jipprova juza l-proceduri kostituzzjonali bhala appell ulterjuri sabiex il-Qorti terga' tinvestiga u tirrevedi mill-gdid il-provi prodotti.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tara li ma kien hemm ebda vjolazzjoni sia tar-rekwizit ta' smigh xieraq bil-mod

kif il-Qorti ta' l-Appell ddisponiet mill-kawzi in kwistjoni, kif ukoll ma tara ebda vjolazzjoni tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jew l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u b'hekk anke din it-talba qed tigi michuda.

Illi ghall-kompletezza jinghad li la darba din il-Qorti ghazlet li tittratta fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti u dan *in extenso*, ghalkemm instab li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma bla ebda bazi legali u fattwali f'dawn il-proceduri, din il-Qorti thoss li xorta wahda ma ghandhiex tiddikjara r-rikors promatur bhala wiehed frivolu u vessatorju skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni.**

Illi dwar l-eccezzjoni moghtija a bazi tal-**artikolu 181 B tal-Kap. 12** mressqa mill-istess Avukat Generali, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz tali eccezzjoni ma ghandiex tigi milqugha, ghalkemm dan huwa f'dan l-istadju kollu akkademiku peress li t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' ir-risposta tal-intimat Avukat Generali hlief ghat-tieni eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur, u tilqa' r-risposta tal-intimata Pauline Muscat, u dan fiz-zewg kazi in kwantu l-istess huma konsistenti ma` dak hawn deciz, **tichad it-tabiet tar-rikorrenti kif kontentuti fir-rikors tieghu datat 9 ta' April 2010** *stante* li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq decizi peress li tali lamenteli hemm indikati bl-ebda mod ma jikkostitwixxu ksur ta' **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll ma hemmx ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------